# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 32

**Il-Ħamis, 18 ta' Frar, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tal-viċi Sindku, permezz ta' onlajn, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Madankollu, is-seduta bdiet għaxar minuti tard, sakemm intlaħaq quorum.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi Sindku,  ippresjeda.

Qabel ma bdejna, il-viċi sellem il-memorja tas-Sur Johnny Grech, għas-sapport li dejjem wera lejn ir-residenti ta' Birżebbuġa, b'mod speċjali bil-kontribjut tiegħu f' diversi kumitati favur l-ambjent, fosthom sabiex Birżebbuġa ma tibqax titqies bħala żona industrijali u kontra l-ħsejjes tal-Freeport.

## Minuti

## 32.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

32.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi rċeviet l-ittra t' apoloġija mingħand is-Sur Sindku, kif ukoll mingħand il-kunsillier (DP) li tnejn jinsabu ma jifilħux. Il-kunsill awguralhom fejqan ta' malajr.

## 32.02 Approvazzjoni tal-Minuti (31)

32.02.01 (SE) ippreżentat kopja tal-Minuti (31). Inġibdet l-attenzjoni fuq it-tieni vers f' para. 31.02.01, sabiex jitneħħew il-kelmiet: għandu kif. F'paġna 5/8, f' para 4, is-sentenza għanda tkun emendata għal: L-Awtorità tat-Trasport tatna suġġeriment għal edge line.

Il-proponent kien il-viċi, issekondat minn (MM).

## 32.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

32.03.01 (SE) ippreżentat kopja tal-iskeda tal-pagamenti. Tressqu diversi mistoqsijiet li ġew spjegati minn (SE) u approvati mill-kunsilliera. Ir-randikont tal-petty cash għal dawn l-aħħar xahrejn, minħabba li ma kienx ġie ppreżentat waqt is-seduta preċidenti, ġie approvat ukoll. Intlaħaq qbiel ukoll, sabiex isir l-aħħar ħlas lil kumpanija li kienet qed tipprovdi servizzi relatati mal-PABX, ġewwa l-uffiċċju.

Il-proponent kien (SZ), issekondat minn (AC).

## 32.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

32.04.01 (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

- Xiri ta' intercom għall-uffiċċju – intgħażlet il-kwotazzjoni mingħand il-kumpanija Allsec

(AC) spjega wkoll dwar ir-road humps. Huwa qal li Infrastructure Malta kienu lesti li jagħmluhom huma, madankollu kien hemm xi tibdil amministrattiv. (SZ) fakkar li s-sena preċidenti ma konniex tlabna għal kwotazzjonijiet minħabba li l-fornitur li jissupplixxi, konna qbiżna l-kwota allokata. Madankollu, jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jieħu dan il-pass, ikun hemm possibbilità qawwija li nerġgħu naqbżu l-kwota ferm aktar kmieni. Għaldaqstant, (AC) qal li ser jerġa' javviċina lil IM.

## 32.05 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju annwali

32.05.01 F'din it-taqsima ngħaqdet magħna s-Sa Doreen Mintoff (accountant), fejn tat spjegazzjoni ta' dan ir-rapport, u wieġbet għad-domandi ta' verifika li kien hemm. Il-Kunsill qabel li dan huwa rapport professjonali u għaldaqstant approva dan ir-rapport.

## 32.06 Kommunikazzjoni mressqa mis-Sindku

NIL

## 32.07 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

32.07.01 (SE) fakkret fuq it-talba li daħlet l-uffiċċju, sabiex isiru installazzjonijiet għall-parkeġġ tar-roti fi Triq il-Merżuq. Hija spjegat fejn ġiet mitluba minn assoċjazzjoni, sabiex tagħmel laqgħa virtwali fuq dan is-suġġett. Il-viċi talab lil (SZ) sabiex jagħmel kuntatt ma' din l-NGO u jiddiskuti għan-nom tal-Kunsill.

32.07.02 (SE) fakkret lil kunsilliera sabiex sa nofs Marzu 2021, jgħaddulha r-write up għar-rapport annwali li jrid jiġi ppreżentat waqt il-laqgħa ġenerali, f' April.

32.07.03 (SE) staqsiet ukoll jekk il-Kunsill jekk jixtieqx li jipparteċipa fl-Earth Hour ta' din is-sena. Il-Kunsill qabel li għandna nipparteċipaw, billi jintfew il-fanali ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja.

## 32.08 Approvazzjoni ta' mozzjonijiet diversi

32.08.01 (SE) ippreżentat tliet mozzjonijiet li ġew imressqa mill-viċi Sindku u li huma marbutin ma' skemi differenti:

- Mozzjoni marbuta mal-iskema tal-fondi mill-Aġenzija LESA, għal tisbiħ fi Triq iż-Żebbuġ.

Din il-mozzjoni ma ġietx approvata mill-Kunsill. Kien hemm diversi fatturi lil għala m' għadietx, fosthom id-data li dan il-proġett irid jitlesta sa Mejju 2021 u l-problema tal-kuntrattur, kif ukoll l-ispejjeż marbuta li l-Kunsill irrid joħroġ. Skont il-BOQ tal-perita, dan il-proġett huwa stmat li jiġi jiswa s-somma ta' €112,000.00. Għaldaqstant, ġie maqbul li japplikaw għal alternattiva oħra.

- Mozzjoni marbuta mal-iskema ta' tisbiħ tal-Playing Fields (SPI/SCI/1/2021).

Din il-mozzjoni relatata mal-bandli fi Triq Santa Katerina, ma ġietx approvata mill-Kunsill. Fost il-fatturi lil għala din il-mozzjoni ma ġietx approvata huma:

- F' dik iż-żona kien propost li jsir Ċentru Ċiviku (SZ)
- Qed isir survey sabiex tinfetaħ it-triq u jinħoloq parkeġġ żgħir (AC)
- Hemm aktar bżonn ta' parkeġġ milli bandli (MM)

(JBD) li għandha fi ħdana dan id-dekasteru pproponiet li l-iskema nitulizzawa sabiex issir 'all inclusive park' fil-bandli ta' San Ġorġ. Billi titneħħa parti mill-ħamrija u jiġi installat ukoll gym. Il-viċi ppropona li nagħmlu talba lil Ministeru tat-Turiżmu, sabiex ikollna upgrade tal-bandli tal-Bajja s-Sabiħa, li jkun marbut mal-proġett ta' Triq San Patrizju.

(SZ) fakkar li fir-rigward tal-Bajja s-Sabiħa, jeżisti Master Plan u li hemm il-pemess għal gym, però mhuwiex ċert jekk hemmx il-permessi fuqhom. Huwa saħħaq li l-importanza hi li ma jkunx hemm segregazzjoni fuq xi żona partikolari.

- Mozzjoni marbuta mal-iskema SPI/SCI.3.2021 – Skema għall-attivitajiet kulturali annwali.

Il-Kunsill qabel li, dejjem skont id-direttivi tal-Ministeru tas-Saħħa, jorganizza bħas-snin ta' qabel, il-Karnival fis-sajf. Fuq dan l-aspett saret talba minn (JBD) lil viċi, sabiex flimkien jiltaqgħu u jiddiskutu kif ser iressqu l-applikazzjoni.

## 32.09 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

32.09.01 Il-kunsillier (SZ) beda billi spjega kif il-Kunsill talab għal kwotazzjoni fir-rigward l-irrigation system. Il-viċi fakkar sabiex jintalbu żewġ kwotazzjonijiet oħra, biex inkunu konformi mal-liġi.

- (SZ) aġġorna li t-tender marbut ma' Ġnien il-Kunsill, ġie ppubblikat u fil-preżent għaddej bil-proċess għas-sejħa tal-offerti.

- (SZ) tkellem dwar Triq il-Kangu, kif il-Kunsill mexa mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-Awtorità tat-Trasport. Madankollu, issa ser nerġgħu nirrevedu għal kif kienet qabel.

- (SZ) spjega dwar il-Girghien development brief. Huwa stqarr li kien hemm xi ħaġa relatata mar-razzett, fejn hemm is-substation. Issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jqabbad lil Perit Caccopardo fuq dan l-aspett. Inġibdet l-attenzjoni mis-(SE) li ġaladarba l-Kunsill għandu attiv kuntratt tas-servizzi professjonali marbuta mal-qasam arkitetorali, il-Kunsill ma jistax jissupplixxi xogħlijiet lil terzi persuni.

- (SZ) fakkar li l-Kunsill fis-seduti preċidenti kien wasal għal qbiel ta' xiri ta' gaġġa għall-qtates, sabiex tiġi mislufa min-naħa tal-Kunsill. (SE) ser issegwi.

- (SZ) staqsa dwar l-iskema tan-neutering fuq il-qtates. Il-viċi wieġeb li LC Care Scheme, fil-preżent qeda fuq l-ikel biss, il-proċess tan-neutering għadu qed jiġi diskuss.

- (SZ) tkellem fuq il-parkeġġ ta' wara s-Sailing Club. Huwa tal-opinjoni li l-Kunsill jerġa' jagħmel tentattiv ieħor għal parkeġġ residenzjali. Jekk il-Kunsill jagħtih il-kunsens, jerġa' jagħmel pjanta u jerġa' jissottometti l-applikazzjoni, filwaqt li wera l-ħsieb ukoll li nestendu dawn il-pjanijiet għal parkeġġ residenzjali għal dawk it-toroq li jmissu max-xatt. Fuq dan il-għan, il-viċi s-suġġerrixxa li dan il-ħsieb għandu jitressaq permezz ta'

mozzjoni u mhux sempliċiment punt waqt is-seduta. (SZ) qabel mal-opinjoni tal-viċi, madankollu baqa' jistaqsi jekk għandux jipprepara l-pjanti jew le. (JBD) ħasset li residenti oħrajn jistgħu jħossuhom diskriminati, jekk il-parkeġġ residenzjali jkun qed jifforka fuq ċertu toroq biss u mhux għal lokalità kollha. (SZ) spjega kif il-Kunsill preċidenti kien applika għat-truf tat-toroq li jmissu max-xatt. Issa qed jipproponi għal parkeġġ ta' wara s-Sailing Club, speċjalment li ser ikollna 300 parkeġġ mill-proġett tal-Freeport. Din għanda sservi bħala Master Plan wieħed għall-parkeġġ, kif ukoll għall-parkeġġ residenzjali, għal meta l-Kunsill ser ikun qiegħed jiltaqa' mal-Onorevoli Miriam Dalli, fuq il-parkeġġ tal-Qajjenza. Fuq dan il-għan, il-viċi wera s-suġġeriment tiegħu, li żgur li fil-Master Plan il-Kunsill ma jridx jagħżel żona waħda, filwaqt li trid issir konsultazzjoni wkoll mar-residenti.

- (SZ) ta' aġġornament fuq is-sistema tas-CCTVs. Dan l-aħħar attenda għal-laqgħat kemm mal-Aġenzija LESA, kif ukoll mal-pulizija fil-komunità. Fil-bidu kien hemm l-idea li jkollna żewġ mobile kameras li jitwaħħlu f' diversi żoni fuq skeda ta' sitt xhur, sitt xhur. Madankollu, il-LESA informat lil Kunsill, illi sabiex isir dan, il-Kunsill irrid qabel ma jmexxi l-kamera, jagħmel Risk Assessment, minħabba l-protezzjoni tad-Data. Huwa qal li kamera waħda kienet ser tkun qed tiffoka fuq il-parkeġġ, filwaqt li l-kamera l-oħra fuq ir-rimi tal-iskart illegali. Il-laqgħa li kellu mal-LESA kienet fuq bażi teknika. Il-konsultazzjoni ma' dawn l-entitajiet, għadha għaddejja.

- (SZ) ressaq suġġeriment li ngħata mill-ħaddiem tal-Kunsill, li meta l-Kunsill iżomm depożitu, dan għandu jkun ikopri l-ispejjeż li kieku l-Kunsill kellu jerġa' jagħmel dik il-biċċa xogħol min-naħa tiegħu, mill-ġdid. (AC) fakkru li l-Awtorità tal-Ippjannar titlob lill-applikant sabiex jagħmel assigurazzjoni mal-BRO.

- (SZ) staqsa lis-(SE) kif ser nibqgħu fuq l-ingaġġ tal-iskrivan/a ġdida. (SE) ippreżentat kopja tal-formola tal-assessjar li kien sar waqt l-aħħar interviews. Ġie nnotat li minn żewġ applikanti, wieħed kien jikkwalifika minn żewġ intervistaturi fost tlieta. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li għandna nagħtu ċans lis-Sur Christian Borg. (SE) ser tipproċessa l-applikazzjoni u tinforma lis-Sur Borg.

32.09.02 Il-kunsillier (MM) aġġornat lil Kunsill dwar il-proġett pilota fir-rigward tat-tipjip fil-Bajja s-Sabiħa. Skont l-options li ġew diskussi huma:

- Option 1 – Totalment xejn tipjip fuq il-Bajja
- Option 2 – Issiru strutturi magħżula apposta, fejn wieħed jista' jmur ippejjep
- Option 3 – 50% tista' tpejjep u 50% ma tistax

(SZ) staqsa lil (MM) jekk hux ser ikun hemm multi relatati ma' dan l-aspett. (MM) wieġebt li din għad trid tiġi kkonfermata. Madankollu, (SZ) qabel li jmur għal Option 1, minħabba li fuq il-Bajja diġà jeżistu bosta strutturi. Il-viċi wera l-opinjoni tiegħu li jmur għal Option 2, imbagħad għal Option 1. Huwa talab lil (MM) sabiex tipprovdilhom il-pjanta tal-mudell ta' dawn l-istrutturi magħżula. (MM) ser tkun qed tibgħatilhom l-informazzjoni permezz ta' emajl, kif ukoll ser tkun qed tiġbor il-preferenza tal-Kunsill, imbagħad nipproċedu minn hemm hekk.

- (MM) issuġġerit li ssir talba lil Clean Malta jew Ambjent Malta, sabiex issir tindif fil-Fortizza ta' Bengħisa. (AC) qal li diġà kien sar intervent fuq il-Fortizza fi żmien il-Kunsill preċidenti, però baqa' qatt ma sar xejn. Riċentament flimkien mal-uffiċċju, il-Kunsill ressaq talba lil Heritage Malta, sabiex jagħtuna informazzjoni dwar Villa Polito, iżda wkoll s' issa bqajna ma rċevejna xejn. (AC) stqarr li xi kultant niktbu lil diversi awtoritajiet, iwegħduna li ser jagħmlu xi ħaġa u nibqgħu b' xejn. Il-viċi ta' l-opinjoni li jkun aħjar li niktbu lil pulizija dwar ir-Ramblers li hemm illegali. (SZ) qal li ċertu żoni ma nafux jekk il-pubbliku inġenerali għandux aċċess għalihom, jew jekk jappartjanux lil privat. (AC) ikkonferma li l-Gun Post u l-għalqa li hemm magħha, huma mikrija għand il-privat.

- (MM) tkellmet ukoll fuq l-iskema tall-ismart solutions (lands), li huma iBins taħt l-art. Intlaħaq ftehim fejn ġie propost li dawn għandhom issiru taħt Triq il-Kartaċiniżi. (MM) ser tkun qed tipprovdi l-kwotazzjonijiet għal dawn l-ismart bins, filwaqt li tikkordina kollox mar-Reġjun.

- (MM) staqsiet lil (SZ) fir-rigward il-funtana ta' Ġnien l-Indipendenza, kif ix-xogħlijiet twaqqfu ħesrem. (SZ) wieġeb li tal-Cleansing Malta ġew u għamlu l-blokok tal-konkos u ma komplewx iżjed. (AC) qal li jafu bina u li kien ser jagħmel kuntatt magħhom.

- (MM) ġibdet l-attenzjoni lil (SZ), kif riċentament twaħħlet mera fi Triq il-Kitarristi, u li hija żgħira wisq u bla effett. (SZ) qabel magħha u stqarr li anke l-mera ta' Triq Zibra, trid tinbidel ukoll. (SZ) kompla jgħid li l-Kumitat tat-Traffic Management, ser jiltaqa' fl-ewwel Ġimgħa ta' Marzu. Fuq dan il-għan, (MM) staqsietu fiex wasalna dwar iż-zebra crossing fi Triq Zaren Dalli. (SZ) qabel li xi darba kienet issemmiet u anke għandna l-permess approvat. Madankollu, kienu saru xi pajpijiet taħt l-art u waqafna s' hemm.

- (MM) tkellmet fuq il-kwotazzjoni li ġabet għal seba' bankijiet tal-plastik wood, li jifilħu l-elementi kollha u li m'għandhomx bżonn ta' manutenzzjoni, għal ħdejn il-monument tas-Summit. Ir-ritratti ta' dawn il-bankijiet li jidhru meħudin mix-Xlendi/ Għawdex, intwerew lis-Sindku u għoġbuh. Madankollu (AC) qal li filwaqt li ma jsib l-ebda oġġezzjoni, jipproponi li twaħħil ta' dawn il-bankijiet isir wara li titlesta l-islipway u l-bankina, minn TM. Il-Kunsill qabel dwar dan.

- (MM) resqet ilment mingħand snack bar partikolari, li stqarr li l-pulizija ġegħluh ineħħi tabella tal-menù li kellu fuq il-bankina. (SZ) wieġeb, li ġaladarba ma kienx qiegħed jostakola l-bankina, jista' jressaq l-ilment mal-pulizija. (AC) qal li jistgħu jkunu wkoll uffiċjali ta' TM li qegħdin għaddejjin b' eżerċizzju dwar tabelli.....eċċ.

**Is-seduta waslet lejn tmiem it-tliet siegħat u ntalbet estenzjoni ta' 30 minuta, sabiex titkompla. Il-propononent għal din l-estenzjoni kienet il-kunsillier (JBD), issekondata mill-viċi.**

32.09.03 (AC) aġġorna dwar l-inawgurazzjoni tal-bust ta' San Ġorġ. Il-Kunsill kien qabel li l-inawgurazzjoni ssir fil-ġurnata ddedikata lil dan il-Qaddis Malti, fid-9 ta' Mejju. Madankollu, bis-sitwazzjoni Nazzjonali tal-Covid-19, iħoss il-ħtieġa li dan l-avveniment, għandu jiġi ppostponut. (JBD) issuġġerit, li jekk kollox jippermetti, dan l-avveniment jista' jsir f'Jum Birżebbuġa.

- (AC) tkellem u indirizza lis-(SE) kif wara li ssir talba lil Enemalta fuq xi arblu partikolari, ma jkunx hemm aġġornament jekk din it-talba twettqitx jew le. (SE) wieġbet illi l-uffiċċju jieħu ħsieb li jressaq it-talba kif meħtieġ mal-Awtorità, madankollu mhuwiex fil-kompitù tal-istaff, li jikkonferma dan ix-xogħol. Fuq dan l-aspett, il-viċi ser ikun qiegħed jippropona eżerċizzju, kif jista' jsir dan.

- (AC) ilmenta dwar id-dgħajjes u l-caravans li hemm fil-parkeġġ ta' San Ġorġ u ta' Wied il-Buni. (SE) spjegat li bosta drabi kitbet lill-ispettur tal-pulizija dwar dan. Madankollu, il-Kunsill mhuwiex infurzar u ma jista' jagħmel xejn aktar minn hekk, ħlief ikompli jagħmel pressjoni fuq il-pulizija. (SE) talbet ukoll lil (AC) sabiex jikkordina wkoll mal-kunsillier li għandu fi ħdanu dan id-dekasteru. (SZ) qal li dan huwa l-istess ħaġa fejn il-Kunsill jibgħat xi seba', tmien ittri lil l-istess awtorità u jibqa' ma jsir xejn.

- (AC) saħaq fuq l-importanza tal-Bye Law għal parkeġġ tal-caravans. Fil-preżent qed tiġi mneddija konsultazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjannar, dwar żoni għal parkeġġ tal-caravans. Madankollu, ikun aħjar għal Kunsill jekk jippubblika Bye Law min-naħa tiegħu, sabiex il-proċess jitħafef. (SE) issuġġerit li għanda ssir laqgħa virtwali, iddedikata għal dan is-suġġett, fejn flimkien nirrevedu l-Bye Law ta' lokalità oħra, filwaqt li nadattawa għal lokalità ta' Birżebbuġa. (AC) għandu jkun qed jikkordina din il-laqgħa.

- (AC) aġġorna lil Kunsill dwar it-twaħħil tal-barrier u CCTV tax-xatt. Huwa qal li CCTV qed taħdem, filwaqt li s'issa għadna qed nagħmlu t-talba mal-LESA. Il-kaxxa ta' din il-barrier ser titpoġġa taħt it-taraġ, sabiex ma jsirx vandaliżmu fuqa. Għad irrid jiġi stabbilit ta' kif ser ikunu qegħdin jitqassmu l-card, il-ħlas marbut mal-card, kif ukoll in-numri tal-pjanċi tal-vetturi li ser ikollhom aċċess biex jidħlu. Il-viċi ssuġġerixxa li għandhom isiru tabelli, li jindikaw lis-sewwieqa biex jinżlu bil-mod. Madankollu, (SZ) ma qabilx, minħabba li s-sewwieq irrid jinżel bil-mod awtomatikalment.

- (AC) reġa' qajjem il-punt tal-kuntrattur, Dimbros. (SE) stqarret li kienet ser tieħu spunt waqt il-laqgħa li hemm propost mal-Onorevoli Josè Herrera. Il-viċi ssuġġerixxa li (SE) għandha tiddrafja l-ittra, filwaqt li ssir laqgħa virtwali lejlet il-laqgħa, sabiex il-Kunsill jippreżenta l-ittra dirett lil Ministru.

32.09.04 Fuq l-aspett tal-barrier, il-viċi ppropona li ssir sleeping policeman fir-rampa, sabiex żgur il-vetturi jinżlu bil-mod. (SZ) wieġeb li kien hemm korrispondenza li turi li l-vetturi jridu jiftħu l-barrier, u ma jħossx il-ħtieġa li ssir l-ebda rampa.

- Il-viċi ta aġġornament dwar il-laqgħa li kellu fil-preżenza tas-Sindku mar-rappreżentanti mill-Ministeru tal-Intern. It-tema ta' din il-laqgħa kienet, kif il-Ministeru ser ikun qiegħed jibda proġetti żgħar ħdejn il-barraks tas-suldati, f' Ħal Far, bi skopijiet li dik iż-żona tiġi żviluppata.

- Il-viċi fakkar li l-Għaqda Storja u kultura, fid-19 ta' Marzu, li hija festa pubblika, ser ikunu qed jorganizzaw Cultural Walk.

- Il-viċi informa li grupp ta' video production avviċinat lil Kunsill, sabiex jagħmlu xi filming ibbażat fuq tliet ijiem, lejn l-iskatepark. Huma talbu wkoll, sabiex għal dan il-filmat, jaqilgħu parti mill-ħadid tad-dawra tal-iskatepark. Il-viċi qal li kien lest li jiltaqa' ma' din il-produzzjoni, u għaldaqstant ser ikun qiegħed jibgħat emajl lil kunsilliera.

- Il-viċi talab lil (SZ) jekk hux possibbli li ssir lampa ma' arblu li diġà qiegħed fil-post, fi Triq il-Kus. (SZ) wieġeb li mhux problema. Għaldaqstant, (SZ) għandu jibgħat l-informazzjoni lill-uffiċċju, sabiex jipproċedi kif meħtieġ.

- Il-viċi staqsa lil (SZ) dwar l-issue tal-għawm taż-żwiemel, jekk komplejniex naħdmu fuqa. (SZ) wieġeb li kien bgħatt l-emajl, bl-artwork tas-sinjali. (SE) ser tikkonferma dan mall-uffiċċju, filwaqt li fakkret li fis-seduti preċidenti kien intlaħaq ftehim, fuq suġġeriment li kien sar minn (AC), sabiex din tkun bi prova sal-aħħar ta' Mejju.

- Il-viċi aġġorna lil Kunsill li ser ikun qed jattendi fuq il-programm 'Illum ma' Steph', fuq TVM, għan-nom tal-Kunsill.

- Il-viċi staqsa jekk l-isleeping policeman fi Triq il-Port Ħieles, ma saritx minħabba l-issue tal-kuntrattur, jew minħabba s-survey li kellu jsir. (AC) wieġeb li s-survey ser issir fi żmien ġimgħatejn.

32.09.05 Il-kunsillier (JBD) tkellmet fuq problema li għandhom ir-residenti ta' Sqaq in-Noqra, minħabba l-ġrieden li ħerġin mill-għelieqi ta' quddiemhom. (SE) wieġbet li hija ħaġa naturali li fejn hemm l-għelieqi, ikun hemm il-ġrieden. Il-Kunsill ma jistax jassisti fuq dan l-aspett, b' mod speċjali li l-għelieqi huma privati.

- (JBD) talbet aġġornament mingħand (AC) dwar Sqaq il-Fortizza. (AC) wieġeb li mar jaraha mal field officer ta' Infrastructure Malta.

- (JBD) għamlet dikjarazzjoni fuq il-ħlasijiet pendenti li kien semma' (AC) waqt is-seduta preċidenti, meta qal li dawn il-ħlasijiet kienu marbuta ma' Ministeru partikolari. (JBD) qalet li dan ma kienx minnu, filwaqt li (AC) ddikjara li dak is-servizz kien marbut ma' servizz ieħor relatat mal-konferenza stampa fir-rigward l-inawgurazzjoni tal-bidu tal-proġett ta' Ġnien l-Ewropa.

- (JBD) staqsiet fir-rigward ta' żieda fil-bus shelters. (AC) wieġeb li saret talba lil AKL min-naħa tal-Kunsill għal aktar bus shelters. Intqal ukoll li minn Tal-Ġebel, l-ewwel trid issir it-triq, imbagħad tgħaddi l-karozza tal-linja. (AC) qal ukoll li l-MPT ġabu l-iskuża li l-karozza m' hemmx fejn tagħmel diversion.

- (JBD) issuġġerit li l-Kunsill għandu jressaq talba lil Sports Malta, għal heated pool. (MM) u (AC) wieġbu li diġà hemm pjanijiet għaliha.

## 32.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

32.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-disgħa u nofs ta' fil-għaxija. Il-Kunsill qabel li d-data tas-seduta li jmiss, tkun it-Tlieta, 16 ta' Marzu, 2021, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

**IFFIRMATA**

___________________________

Joseph Farrugia
Sindku

**IFFIRMATA**

_________________________

Rosalie Mintoff
Segretarju Eżekuttiv